**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 18**
**Appell Nru: 148/2001**

**Il-Pulizija ( Supdt. Daniel Gatt )**

**Vs**

**CARMELO AGIUS**

**Illum, 22 ta'Ottubru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra Carmelo Agius talli fl-4 ta'Mejju, 2001, ghal habta tad-9.00 a.m., qabad u nehha kanna ta' l-ilma li kienet qed tferra gol-gibja li tappartjeni lill-Pawlu Galea ta' F/House Il-Ponta, Imtahleb, illi minn din il-kanna jittiehed l-ilma sabiex jssaqqu l-prodotti ta'erba bdiewa, u cioe', l-istess Pawlu Galea, Carmelo Galea, Karmnu Galea u Charles Agius, u dan sabiex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, bi ksur ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fit-18 ta'Lulju, 2001, li biha sabet lill-Carmelo Agius hati ta' din l-akkuza w kkundannatu ghall-hamsin lira Maltin (Lm50) Multa, u ordnat li jitnehha l-ostakolu fi zmien jumejn taht penali ta' Lm2 kull jum.

Rat ir-rikors t'appell ta'Carmelo Agius datat 26 ta'Lulju, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull akkuza, htija w piena.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi din il-Qorti ma tistghax tifhem l-ghaliex sar dan l-appell, jekk mhux biex jigi biss gwadanjat zmien ghall-appellant u jinhela dak tal-Qorti.

Ghal dak li huwa l-ewwel aggravju, dak li jirreferi ghad-data ta' l-4 ta'Mejju, 2001, din tirrizulta cara hafna mill-provi li dik hija d-data tar-reat li sar mill-appellant. Dan jirrizulta certament mix-xhieda ta' Pawlu Galea u Carmelo Galea. Ghalhekk l-appellant huwa skorrett f'dan l-aggravju tieghu.

Dwar it-tieni aggravju tieghu, il-provi prodotti huma skjaccanti hafna fis-sens li 'ex admissis', l-appellant ammetta kemm mal-pulizija kif ukoll mal-kwerelanti Pawlu Galea u Carmelo Galea li kien hu li kien qata' il-kanna w rabatha bil-ktajjen, b'mod li l-kwerelanti ma setghax jiehu ilma meta messu fl-4 ta'Mejju, 2001. Barra minn hekk, din l-ammissjoni ta' l-appellant, tirrizulta mix-xhieda

tal-persuni msemmija. Din mhiex pretensjoni jew asserzjoni kontra l-appellant, izda certezza morali minghajr ebda dubju ragjoenvoli.

Dwar it-tielet aggravju tieghu, sabiex isehh ir-reat in kwistjoni, fil-kaz prezenti mhux necessarju li kienu l-erba bdiewa kollha li gew affettwati bl-agir ta' l-appellant. Bizzejjed li gie negat dan id-dritt ghall-ilma lill-wiehed biss mill-erba bdiewa imsemmija, cioe'Pawlu Galea. Mill-fatti li johorgu mill-provi, hemm kwadru komplet ta' dan ir-reat kommess mill-appellant ghad-dannu ta' dan Pawlu Galea.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell ta'Carmelo Agius qed jigi michud u s-sentenza appellata hija konfermata fl-intier taghha, inkluz kull ordni moghti mill-ewwel Qorti.

Aldo Testone
Deputat Registratur